

Brussell, 13 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11089/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0192(NLE)

CLIMA 141
ENV 520
ENER 278
IND 197
COMPET 519
MI 530
ECOFIN 726
TRANS 321
AELE 44
CH 20

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	10562/18 + ADD 1 + ADD 2
Nru dok. Cion:	9672/18 - COM(2018) 359 final + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu – Adozzjoni

1. Fl-4 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura¹.

¹ Dokumenti 9672/18 + ADD 1

2. L-għan tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gass serra tagħhom ("il-Ftehim")² hu li jkun hemm kollegament bejn l-iskemi għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE u tal-Iżvizzera, billi jippermetti li l-kwoti maħruġa f' sistema waħda jkunu jistgħu jiġu skambjati u użati għall-konformità mal-oħra.
3. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/2240 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom³. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.
4. Fit-23 ta' Jannar 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2018/219 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim⁴. Dan għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena wara l-iskambju tal-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni mill-Partijiet. L-istrument ta' approvazzjoni tal-UE ser jiġi notifikat meta l-Konfederazzjoni Żvizzera tkun daħħlet fis-seħħ ir-regoli meħtieġa li jestendu l-ETS tagħha għall-avjazzjoni u l-Anness I tal-Ftehim ikun ġie emendat skont dan.
5. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim fir-rigward tal-Kumitat Konġunt, li hu responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu, japplikaw b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar, u l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha ssir sa' tmiem l-2018.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina l-proposta tal-Kummissjoni fil-5 u t-22 ta' Ġunju 2018. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-WPE u l-kummenti tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet proposta ta' kompromess⁵ tal-Presidenza li ntlaħaq qbil dwarha fil-WPE fil-5 ta' Lulju b'segwitu ta' proċedura ta' silenzju informali.

² ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

³ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1.

⁴ ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1.

⁵ Dokumenti 10562/18 + ADD 1 + ADD 2

7. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dok. 10971/18 + ADD 1, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti;
- jaqbel li fil-minuti tiegħu jdaħħal id-dikjarazzjoni li tinsabu fl-addendum għal din in-nota.

It-test tad-deċiżjoni ser jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
